MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-8 ta' Lulju, 2010

Numru. 615/2010

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR MALCOLM BONDIN**
**KONTRA**

**ABDALLA YAKOUP AHMED**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Abdalla Yakoup ta' 22 sena, bin Abdul u Elia nee' Kalid, mwieled Palestina, Gaza, nhar it- 8 ta' Settembru 1987, residenti Tent Centre, Hal Far, Zurrieq u detentur tal-Karta tal- Identita' bin- numru 36224A;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

1) Fil- lejl bejn it- 12 u t- 13 ta’ Gunju 2010 bejn 23.00hrs u 2.20hrs, gewwa Triq il- Knisja, San Giljan ikkommetta serq minn go vettura numru tar- registrazzjoni IAE 295, ghad- detriment ta’ Luke Lanzon, liema serq huwa kkwalifikat bil- mezz, bil- valur li ma kienx izjed minn €2,329.37 izda izjed minn €232.93 bil- hin u bix- xorta tal-haga misruqa;

2) Aktar talli fit- 13 ta’ Gunju 2010 ghal habta tat-03.15hrs gewwa Triq Santu Wistin, San Giljan, bil- hsieb li jaghmel delitt ta’ serq, wera dan il- hsieb b’ atti esterni u ta bidu ghall- esekuzzjoni tad- delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ tieghu u li kieku gie esegwit kien ikun serq minn vettura numru tar- registrazzjoni EBL 141, ghad- detriment ta’ Kyle Bianco, liema serq kien ikun ikkwalifikat bil- mezz, bil- valur li ma kienx izjed minn €2,329.37 izda izjed minn €232.93 bil- hin u bix- xorta tal- haga misruqa;

3) Aktar talli fil- lejl ta’ bejn it- 12 u t- 13 ta’ Gunju 2010 bejn 23.00hrs u 2.20hrs gewwa Triq il- Knsija, San Giljan volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli cioe hsara fuq vettura numru IAE 295, liema hsara tammonta ghal aktar minn €116 izda inqas mill- valura ta’ €1,460.69;

4) Aktar talli fit- 13 ta’ Gunju 2010 ghal habta tat-03.15hrs gewwa Triq Santu Wistin, San Giljan volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew imobbli cioe hsara fuq vettura bumru EBL 141, liema hsara tammonta ghal aktar €116 izda inqas minn €1,460.69;

5) Fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi f’ dawn il-Gzejjer, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa mehuda b’ qerq jew akkwistati b’ reat sew jekk

dan sar f’ Malta jew barra minn Malta jew xjentement, b’ kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

6) U aktar talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat ammetta volontarjament quddiem din il-Qorti li hu kien seraq minn vettura, li pprova jisraq minn vettura ohra, li ghamel hsara f’zewg vetturi, li kien fil-pussess ta’ hwejjeg misruqa, u li hu recidiv. In vista tal-ammissjoni tieghu, il-Qorti tista’ tghaddi minnufih ghas-sentenza fil-konfront tal-imputat. Tenut kont tal-imputazzjonijiet kollha, il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 17(h) tal-Kap 9 u in vista li r-reati ta’ hsara volontarja kienu mezz ghall-fini, il-piena ta’ prigunerija effettiva ser tkun ghal tmintax-il xahar.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 261, 263, 267, 270, 271 (g), 278, 279, 280, 41, 325 (1) (b) u 334 (a) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah tmintax (18)- il xahar prigunerija.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------